

**Rikors ippreżentat fit-30 ta' Awwissu 2014 – ADR Center vs Il-Kummissjoni****(Kawża T-644/14)**

(2014/C 388/25)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż***Partijiet**

Rikorrenti: ADR Center Srl (Ruma, l-Italja) (rappreżentant: L. Tantalo, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

- tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni esposta fl-ittra tagħha tas-27 ta' Ġunju 2014 għal azzjoni ta' rkupru kontra ADR Center;
- tordna l-ħlas immedjat tal-bilanċ dovut lil ADR Center ta' EUR 79 700,40 fuq il-fattura *pro forma* u noti ta' kreditu maħruġa fit-13 ta' Novembru 2013;
- tordna l-ħlas immedjat tad-danni sostnati minn ADR Center għar-reputazzjoni internazzjonali tagħha, u għal ħin użat mill-membri tal-persunal anzjani tagħha għad-difiża kontra pretensjoni infondata;
- tordna lill-konvenuta u kwalunkwe intervenjenti sabiex iħallsu l-ispejjeż legali tar-rikorrenti u l-ispejjeż ta' din il-proċedura f'ammont li għandu jiġi ddeterminat b'mod ekwu mill-Qorti Ġenerali.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka erba' motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq l-allegazzjoni li d-deċiżjoni kkontestata għandha tiġi annullata peress li l-azzjonijiet ta' awditu u l-ordnijiet sussegwenti tal-Kummissjoni huma bbażati fuq sett ta' regoli li qatt ma sar ftehim dwarhom.
2. It-tieni motiv ibbażat fuq l-allegazzjoni li d-deċiżjoni kkontestata għandha tiġi annullata peress li l-Kummissjoni dewmet b'mod irraġonevoli l-ħruġ tar-rapporti tal-awditu finali u l-ordnijiet ta' rkupru relatati.
3. It-tielet motiv ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-Kummissjoni naqset milli tissodisfa l-oneru tal-prova tagħha. Ir-rikorrenti ssostni f'dan ir-rigward li l-Kummissjoni bbażat l-awditu finanzjarju finali tagħha u l-ordnijiet ta' rkupru sussegwenti fuq konstatazzjonijiet li ma ġewx issostanzjati.
4. Ir-raba' motiv ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-konstatazzjonijiet tal-awditu tal-Kummissjoni kienu żbaljati. Ir-rikorrenti ssostni f'dan ir-rigward li l-konstatazzjonijiet tal-awditu tal-Kummissjoni huma kkontestati fuq il-bażi ta' diversi żbalji manifesti, proċedurali u sostantivi. Ir-rikorrenti ssostni wkoll li l-Kummissjoni mhux biss naqset milli teżamina mill-ġdid l-istess ordnijiet li hija ħarġet iż-żda wkoll, b'mod manifest, injorat u naqset milli tikkunsidra l-kwistjonijiet kollha jew kwalunkwe kwistjoni mqajma minn ADR Center.

**Rikors ippreżentat fit-8 ta' Settembru 2014 – Revolution vs UASI (REVOLUTION)****(Kawża T-654/14)**

(2014/C 388/26)

*Lingwa tar-rikors: l-Ingliż***Partijiet**

Rikorrenti: Revolution LLC (Washington, l-Istati Uniti) (rappreżentanti: P. Roncaglia, F. Rossi u N. Parrotta, avukati)